MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 331/2010

**Appell Numru: 331/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Andrew Formosa**

Illum 28 ta' Novembru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 356484 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-30 ta' Awwissu, 2005, ghall-habta tas-7.20pm, f'Tal-Pieta', dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe' dak ta' serq aggravat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u kieku sehh dan id-delitt kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jewgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tarregistrazzjoni KBE 804, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda anqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00), ghad-dannu ta' Antoine Chircop minn Tal-Pieta';

3. U kif ukoll talli huwa sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima datata 26 ta' Awwissu, 2003

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2010 fejn wara li rat l-artikoli In vista' ta' l-ammissjoni tieghu, sabitu hati ta' l-akkuzi kif
dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 17, 30, 31261, 267, 270, 278, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lil Andrew Formosa ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2010 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata b' dan illi filwaqt li tikkonferma li attwalment l-appellant m'aderixxiex ruhu strettament ma' l-ordni tal-probation in kwistjoni, tvarja l-istess sentenza billi tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanza.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant jilmenta li l-piena fic-cirkostanzi ma kienetx dik idonea u kienet eccessiva.

Illi ghandu jinghad li dak iz-zmien tar-reat, l-appellant kien ghad ghandu biss ghoxrin sena u r-reat fih innifsu ma kienx xi wiehed daqsatant aggravanti.

Illi kien ukoll gie relevant minn dik il-Qorti li l-appellant kellu d-dipendenza fuq id-droga.

Illi fl-isfond ta' dan kollu, dik il-Qorti kien dehrilha li piena ta' inkarcerazzjoni ma kienetx idonea u konsegwentenment poggietu taht ordni ta' probation. L-idea kienet sabiex l-appellant ikollu lil xi had jistradah fit-triq it-tajba u jghinu jeghleb id-dipendenza fuq id-droga.

Illi in effetti ghandu jinghad li l-appellant matul dawn il-perjodu kellu zewg probation officers, wiehed Trevor Calafato u l-iehor Ivan Sultana.

Illi huwa minnnu li l-probation officers matul dawn il-perjodu skuntraw xi diffikultajiet biex iwettqu l-hidma taghhom ta' sorveljanza. Ta' min jghid pero` li l-appellant kellu dipendenza kbira kemm fuq l-eroina kif ukoll il-kokaina.

Illi kien mistenni li jinholqu xi diffikultajiet u dan minhabba li kulhadd jaf kemm hu difficli li wiehed jeghleb dan il-vizzju. Id-diffikultajiet li jinholqu kienu konsegwenzjali ghac-cirkostanzi difficli li fihom kien jinsab l-appellant.

Illi pero' wara certu zmien l-appellant iltaqa ma' tfajla ta' l-affari taghha u bis-sostenn taghha kif ukoll b'dak tal-probation officer il-gdid Ivan Sultana irregistra progress kbir, tant li l-istess Probation Officer fl-ahhar udjenza irraporta progress u rrelata li attwalment l-appellant kien irnexxielu jehles mid-dipendenza tieghu fuq id-droga l-aktar gravi cioe ` dik ta' l-eroina u kokaina.

Illi rrizulta pero` li kien ghadu juza xi ftit droga minuri u cioe` cannabis.

Illi ghandu jinghad li kien l-iskop ta' l-Ewwel Qorti li tiddelung dawn il-proceduri preciszament sabiex l-istess imputat jimxi l' quddiem u jintegra ruhu fis-socjeta`.

Illi mill-korp tal-provi jirrizulta li attwalment l-appellant irregistra dak il-progress mistenni fic-cirkostanzi.

Fl-isfond ta' dan kollu ghalhekk ikun ferm kontro producenti jekk issa f' dan l-istadju jintbghat il-habs.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi li fit-30 ta' Awwissu, 2005 l-appellant inqabad b'liva f'idejh jipprova jisgassa bieba tal-vettura KBE 804 tal-marka Toyota propjeta` ta' Antoine Chircop. Ghad li ma rrnexxilhux fl-iskop ahhari tieghu li jisraq il-karozza lahaq ikkawza hsara fil-bieba tal-karozza.

Fis-16 ta' Novembru 2005 gie mressaq il-Qorti biex wiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma dan il-kaz. B'sentenza moghtijja fis-7 ta' Lulju 2005, wara ammissjoni tal-appellant, il-Qorti ddikjaratu hati tal-akkuzi addebitati lilu u kkundannatu ghal 6 xhur prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha nterpona appell fejn l-ilment tieghu kien principalment dwar il-piena li deherlu li kienet eccessiva wisq.

Id-difiza tal-appellant argumentat li llum Andrew Formosa distakka ruhu mill-bqija ta' disordni li kellu fil-passat u jinsab f'stabilita` socjali u kamiljari. Fil-kaz tieghu jezisti "window of opportunity" li tajjeb li jigi sfruttat ghax illum hu persuna riformata u jrid jintegra ruhu fis-socjeta`. Prova ta' dan hi li dahal fi skema mal-ETC sabiex jitghallem sengha u jkun jista` jsib xoghol. In sostenn ta' dan xehdet Jean Cali` rapprezentanta tal-Caritas fejn qalet li l-appellant sejjer tajjeb, jinvolvi ruhu f'kollox u joqghod ghall-ordnijiet taghhom. M'huwiex qed jimmanifesta komportament anti socjali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tiehu gost tisma` li persuna b'passat refrettarju fl-ahhar rrealizza l-izbalji tieghu u qieghed fit-triq it-tajba. Dan hu ta' vantagg mhux biss ghalih izda wkoll tas-socjeta` li jaghmel minnha u tajjeb ukoll li qed jitghallem sengha halli l-prospetti ta' xoghol jkunu tajbin. Pero` l-Qorti ma tistax twarrab l-akkuza addebitata lill-appellant bhal li kieku kienet xi haga zghira. L-appellant ikkommetta dan ir-reat meta diga` kellu fuq spallejh reati

ohra fejn gie moghti l-beneficcju li jahseb dwar hajtu u jirriforma ruhu, izda kien ghal xejn u l-istess l-Ewwel Qorti ikkummentat dwar dan u ghalhekk ghaddiet biex ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija.

Din il-Qorti ghandha quddiemha l-addebitu tar-recidiva fejn allura l-ghazliet li ghandha, ghal dak li jirrigwarda l-piena, huma limitati. Terga l-piena tghola bi grad jew tnejn.

F'dan il-kaz il-minimu li l-Ewwel Qorti setghet tikkundanna lilla-ppellant kienet tlettax-il xahar izda kkundannatu ghal sitta u cioe` that il-minimu. Fortunatament ghall-appellant ma sar l-ebda appell minn nahha tal-Avukat Generali ghal varjazzjoni fil-piena u ghalhekk dik trid tibqa` kif inhi.

Ghal dawn il-motivi, taqta` u tiddeciedi li, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------